MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 623/2007

**Maltacom plc - (C 22334) -**
**u b'Digriet datat it-23 ta' Novembru 2007, ġie mibdul għal 'GO plc.'**

**Vs**

**Alfred Attard**
**(ID 847438 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Awissu, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija, wiehed u sebghin lira, disgha u sittin centezmu (Lm 371.69), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21661309 gja 781309 u 21800977 skond ma` kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A, B, C u D.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz kontra l-konvenut minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta` Novembru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` tliet mija, wiehed u sebghin lira, disgha u sittin centezmu (Lm 371.69), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------